ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 3

## IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) IL-ĦIN: Siegħa u Nofs

**Isem: ______________________ Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Wieġeb fid-dettal il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. X'tifhem bil-frażi **soċjetà dinamika**? (5 marki)
2. X'tifhem bil-kelma **kultura**? Semmi **ŻEWĠ** karatteristiċi tipiċi fil-kultura Maltija. (5 marki)
3. X'nifhmu meta ngħidu li Malta qed tiġi **sekularizzata**? (5 marki)
4. Għaliex il-Kostituzzjoni ta' pajjiż titqies bħala l-**liġi suprema**? (5 marki)
5. X'inhu s-**settur tal-manifattura**? Semmi **ŻEWĠ industriji** f'dan is-settur. (5 marki)

**25 marka**

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettal il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Id-dinja ntlaqtet mill-agħar kriżi ekonomika u finanzjarja. Pajjiżi differenti wieġbu għaliha b'modi differenti. Kien hemm pajjiżi li għollew t-taxxa fuq id-dħul* (income tax)*, oħrajn żiedu l-VAT, oħrajn żiedu t-taxxa fuq il-proprjetà jew fuq in-negozju, filwaqt li oħrajn iffriżaw il-pagi jew żiedu l-età tal-pensjoni.*

*Malta wkoll ħasset l-effetti ta' din il-kriżi u, minkejja dawn l-isfidi l-pajjiż, bħal ħafna oħrajn, baqa' jaħdem biex jekk jista' jkun jinħolqu iżjed impjiegi. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-investiment barrani u lokali kien x'aktarx l-ikbar opportunità li għen lil Malta biex ikun hemm aktar impjiegi. Barra skemi ġodda għall-fabbriki, għas-*self employed *u għat-turiżmu, sar sforz ikbar biex f'Malta jkun hemm aktar opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema. L-ETC b'mod partikolari wkoll kellha rwol importanti biex tittaffa din is-sitwazzjoni f'Malta.*

1. Għaliex taħseb li din is-silta tisħaq fuq l-importanza tax-xogħol fid-dawl tar-riċessjoni ekonomika? (5 marki)
2. Semmi **ĦAMES** problemi li jista' jġib il-qgħad għall-individwu u l-familja tiegħu. (5 marki)
3. Il-qgħad iġib miegħu ukoll problemi ekonomiċi u soċjali fil-pajjiż. Ikteb dwar **ĦAMSA** minn dawn . (5 marki)
4. Meta jkun hemm problema ta' riċessjoni kulħadd irid jgħin. Semmi **ĦAMES** dmirijiet li għandu l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. (5 marki)
5. X'inhi r-responsabbiltà ta' min iħaddem lejn il-ħaddiem? (5 marki)
6. Fil-qasam tax-xogħol nitkellmu dwar l-imsieħba soċjali. Min huma dawn? (5 marki)
7. Il-kooperattivi qed isaħħu l-idea ta' demokrazija fuq il-post tax-xogħol. Ikkummenta. (5 marki)

**35 marka**

**Taqsima Ċ: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. *Il-familja tal-lum inbidlet ħafna minn dik tal-imgħoddi*. Iddiskuti.
2. *Il-kontroll soċjali ma jistax jinżamm mingħajr l-użu ta' sanzjonijiet*. Ikkummenta.
3. *Il-Maltin saru jagħtu aktar importanza lejn l-affarijiet materjali milli dawk spiritwali*. X'taħseb dwar dan?
4. *Soċjetà demokratika tagħti lok għall-mobbiltà soċjali*. Spjega x'tifhem b'**mobbiltà soċjali** u ddiskuti kif din tista' sseħħ.

**15-il marka**

**Taqsima D: Ikteb komponiment ta' madwar 200-250 kelma dwar WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. *L-Ewwel Artiklu tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid: "Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu".*
    a) Spjega xi tfisser **repubblika demokratika**. (4 marki)
    b) Spjega x'inhuma **drittijiet u libertajiet fundamentali**. Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (6 marki)
    c) Iddiskuti għaliex dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu huma l-qofol tad-demokrazija. (15-il marka)

**25 marka**

2. *Fl-edukazzjoni l-infiq mhux ikkunsidrat bħala spiża, iżda aktar bħala investiment fir-riżorsi umani, l-aktar fiż-żgħażagħ*. Iddiskuti.

3. *Il-bniedem huwa kreatura soċjali u mhux maħluq biex jgħix waħdu.*
    a) X'tip ta' ħtiġijiet għandu l-bniedem li jressquh lejn bnedmin oħra? (5 marki)
    b) *Aħna ċittadini Maltin, Ewropej, Mediterranji u Dinjija bir-responsabbiltajiet kollha li dan jinvolvi f'dinja li kull ma tmur qed issir iktar globalizzata*. Ikteb fit-tul dwar dan. (20 marka)

**25 marka**